MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 424/2004

**Valletta Service Station Limited**

**Vs**

**Carmelo sive Charles Farrugia u martu Eve Farrugia, ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Peress illi s-socjeta' attrici hija l-proprjetarja u l-operatrici tal-pompa tad-*diesel* illi ggib l-isem *Valletta Service Station;*

Peress illi l-konvenut huma l-proprjetarji u/jew l-operaturi ta' numru ta' karozzi tal-linja (il-"**Karozzi**");

Peress illi s-socjeta’ attrici kienet tforni lill-konvenuti u/jew l-impjegati taghhom, b’diesel, zejt u/jew prodotti simili (il-“**Prodotti**”) in relazzjoni ma’ l-operat tal-karozzi appartenenti lill-istes konvenuti, u dan kif jidher minn dokumenti "VSS 1”, “VSS 2”, “VSS 3”, u “VSS 4”;

Peress illi, hlief ghal varji okkazjonijiet (liema okkazjonijiet jinsabu elenkati f’dokument “VSS 5”), il-konvenuti naqsu milli jhallsu lis-socjeta’ attrici ghall-prodotti forniti;

Peress illi s-somma dovuta ghall-prodotti fornnuti flimkien ma’ l-interessi, sal-31 ta’ Mejju, 2004, tammonta ghal hamest elef tlett mija erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm5,374.98), kif jidher minn dokument “VSS 6”;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi huma responsabbli ghall-hlas ta’ l-ammont ta’ hamest elef tlett mija erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm5,374.98);

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamest elef tlett mija erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm5,374.98).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1000/04 u bl-interessi mill-1 ta’ Gunju, 2004 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti li sa minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li biha rriduciet it-talba ghall-ammont ta’ Lm5,274.98;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif ridotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba kif ridotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta ghall-ammont ta' hamest elef mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm5,274.98) bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------